## UPDATE PRIESTS 12

Għeżież,

Titwila fil-website www.kdz.org.mt turik mill-ewwel id-dinamiżmu li hawn fost iż-żgħażagħ tagħna. Il-Gruppi li jorganizzaw ċelebrazzjonijiet ta` Quddies, laqgħat ta` talb, laqgħat soċjali, u li għalihom jistiednu lil sħabhom iż-żgħażagħ, qiegħed kull ma jmur jikber mhux biss fin-numru imma anke fil-kwalita` ta` organizzazzjoni u ta` marketing li qed jagħmlu. Qegħdin ukoll jinbtu gruppi ta` żgħażagħ fil-parroċċi li jfittxu li jibnu komunita` bejniethom u li jħallu spazju għal żgħażagħ oħrajn sabiex jingħaqdu magħhom biex jibdew mixja ta` fidi flimkien.

Mons. Arċisqof, fil-pastorali tiegħu, semma liż-żgħażagħ darbtejn, u ppreżentahom bħala eżempju ta` esperjenza ġdida li timliek bil-kuraġġ. Illum għandna f'idejna il-ktieb tal-komunita` għall-kant, riflessjonijiet u talb – IKTUS. Huwa ħidma ta` ħafna xhur minn grupp ta` żgħażagħ li daħlu għal impenn serju li ser iservi għall-għaqda fil-komunitajiet tagħna. Grupp ieħor ta` żgħażagħ minn għaqdiet differenti ingħaqdu flimkien u qed jagħmlu esperjenza fuq Radju RTK billi kull nhar ta` Sibt bejn is-1:00pm u s-2:00pm jagħtu messaġġi lil żgħażagħ sħabhom fi programm li qed ifassluh u jmexxuh huma.

Numru ta` operaturi pastorali, il-biċċa l-kbira minnhom żgħażagħ, ser jibdew jiltaqgħu sabiex isiru l-*focus groups* bħala *follow-up* għall-assemblea ġenerali li kellna f'Jannar u li fiha tkellimna dwar proposti li qed isiru għall-evanġelizzazzjoni 16+. Il-lista ma tieqafx hawn...! Nizżu ħajr lil Alla għaż-żgħażagħ tagħna.

Aħna s-saċerdoti jeħtieġ li nkomplu nimlewhom bil-kuraġġ. It-triq mhi faċli għal ħadd, u ż-żgħażagħ iridu jkunu ta` Kristu. Jekk għandna żgħażagħ li jridu, nistgħu aħna nibqgħu lura milli nagħtuhom spazju u l-importanza li jixirqilhom?

Kuraġġ.

Fr. Savio.

## 1. *Focus Groups* bħala *follow-up* tal-Assemblea Ġenerali

Nhar is-Sibt li ġej ser tibda s-sensiela ta' *focus-groups* bħala *follow-up* tal-Assemblea Ġenerali. L-għan hu li permezz ta' dawn il-*focus-groups* inkomplu napprofondixxu id-diskussjoni li bdiet dakinhar tal-Assemblea Ġenerali. Infakkrukom fid-dettalji li huma dawn:

| | |
|---|---|
| Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-gruppi/movimenti: | Is-Sibt 28 ta' Frar 09 |
| Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-iskejjel post-sekondarji: | Is-Sibt 14 ta' Marzu 09 |
| Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-parroċċi: | Is-Sibt 21 ta' Marzu 09 |
| Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-ordnijiet reliġjużi: | Is-Sibt 28 ta' Marzu 09 |

Il-ħin ta' dawn il-*focus groups* hu bejn id-09.00 u 12.00 u l-post hu l-uffiċini tal-KDŻ. Ir-reġistazzjoni tistgħu issibuha fis-sit www.kdz.org.mt.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 2. Talb ta' filgħaxija maż-żgħażagħ
***Bidu taż-żmien tar-Randan***

Il-Ħadd li ġej ser nerġgħu ninġabru flimkien għat-talb ta' filgħaxija, li din id-darba ser isiru fiċ-ċentru tal-Kapuċċini (ta' Santa Liberata), il-Kalkara. Il-Patrijiet u s-Sorijiet Franġiskani Żgħażagħ ser jippreparaw dan il-mument li għandu jgħinna wkoll biex inkomplu nidħlu fl-ispirtu tar-Randan.

| | |
|---|---|
| **Data:** | 1 ta' Marzu 2009 |
| **Post:** | Ċentru tal-Kapuċċini, Kalkara |
| **Ħin:** | 19.00* |

** Wara l-mument ta' talb ikun hemm ħin għal fellowship flimkien*

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 3. Randan 09

Għall-benefiċċju taż-żgħażagħ li għandna kuntatt magħhom permezz tal-*website* u permezz tal-UPDATE Young People, qed nerġgħu nitolbukom sabiex tgħaddulna informazzjoni dwar eżerċizzi għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ u attivitajiet oħra li intom, jew gruppi fil-parroċċa tagħkom qed tħejju għaż-żmien tar-Randan.

Jekk għandkom il-*posters,* tistgħu tgħadduhomna wkoll sabiex inkunu nistgħu inpoġġuhom fil-*website.*

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 4. IKTUS – Ktieb, *Covers* u *website*

a) Bħalissa qegħdin fil-proċess li nqassmu il-kotba tal-IKTUS li kienu *pre-ordered.* Nieħdu wkoll din l-okkażjoni biex nagħmlu appell biex dawk li għadhom ma ġabrux l-ordni tagħhom, jagħmlu hekk malajr kemm jista' jkun. Dawk li jixtiequ jagħmlu ordni ġdida huma mitluba jikkuntattjawna jew jibagħtu email fuq info@kdz.org.mt.

b) Fuq talba ta' ħafna minnkom, għamilna wkoll kuntatti ma' persuni li jistgħu jipprovdulna *covers tal-plastik* għall-kotba u l-aħjar prezz li sibna hu dak ta' 0.19 EUR. Dawk kollha li jixtiequ jordnaw covers għall-kotba huma mitluba sabiex jikkuntattjawna.

c) Il-*website* www.awakeningasaph.org/iktus ser tkun *uploaded* din il-ġimgħa. Fiha ser tkunu tistgħu issibu il-kordi tal-maġġoranza tal-innijiet tal-ktieb, numru ta' melodiji u wkoll xi *powerpoint presentations.* Dan il-materjal mhux ser ikun kollu hemm mal-ewwel iżda qed jiġi mtella' minn jum għal ieħor. Dan hu proġett kbir ħafna li qed jieħu ħafna ħin u ħidma. Għalhekk nixtiequ nagħmlu appell biex jekk tistgħu tipprovdu xi għajnuna eż. *Powerpoints* ta' innijiet li diġa' tużaw, xi melodiji eċċ tibgħatuhomna. Naprezzaw ħafna.

**+++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++**

## 5. UPDATE tal-lista ta’ gruppi fil-*website*

Bħalissa qed ukoll nagħmlu *update* tal-lista ta’ gruppi li qegħda fil-website tal-KDŻ. Biex taraw il-listi li hemm tistgħu tidħlu fis-sezzjoni ”Info 4 Youth” fis-sit www.kdz.org.mt. Jekk il-grupp tagħkom mhux qiegħed f’din il-lista, tistgħu tibagħtu l-informazzjoni f’dan il-format:

- **Name of group/youth centre/youth movement**
- **When this is open for young people and the age groups (pls also mention when the separate age groups meet)**
- **Meeting Place:**
- **Contact Person:**
- **Email:**
- **Mob.:**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 6. Riżorsi: Ittra tal-Arċisqof, *mass v-cards,* linji-gwida

a) Għad baqgħalna xi kopji tal-ittra tal-Arċisqof liż-żgħażagħ. Jekk tixtiequ xi kopji biex tqassmuhom liż-żgħażagħ tagħkom, tistgħu tagħmlu dan billi tagħmlu kuntatt magħna jew tiġu l-uffiċċju sabiex tiġbruhom.

b) Din il-ġimgħa ser ukoll nipprintjaw it-tieni edizzjoni tal-lista ta’ quddies animat miż-żgħażagħ. Dawn ser jitqassmu bla ħlas. Jekk tixtiequ tordnaw xi ammont sabiex tqassmuhom liż-żgħażagħ li għandkom kuntatt magħhom, nitolbukom sabiex tikkuntattjawna.

c) Bħalissa għandna wkoll f’idejna il-linji gwida għaċ-ċelebrazzjoni ta’quddiesa żagħżugħa u l-linji gwida għall-ħidma pastorali fl-ambjent tal-parroċċa. Jekk tixtiequ dawn il-linji gwida, tistgħu tibagħtu email fuq info@kdz.org.mt.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

*In a busy world it can be tempting for youth workers to timetable everything. But Jesus’ small group had a life beyond the formal sessions. They spent considerable time together discussing, arguing, travelling, worshipping, eating and living. The disciples learnt about prayer through Jesus’ example; they learnt about justice by watching him give dignity and value to the oppressed. These times together were not supplementary to the process, they were the process. Jesus, as the small-group leader, did not deliver a programme or control an agenda. Rather he used the disciples’ questions and everyday situations – a walk through a field, a sailing trip or a visit to the temple – as vehicles for drawing out his learning points. This was informal education par excellence.*

- Danny Brierley (1998) *Young People and Small Groups,* 24.